# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 884/2002/1**

**Kevin Bugeja fil-kwalita tieghu ta' Managing Director ta' OLSEN CAR RENTALS CO. LTD**

**vs**

**Louis Mula**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm850 (tmin mija u hamsin lira) a bazi tal-ftehim u tletin lira (Lm30 ) danni rapprezentanti kirja ta' vettura.

Fl-4 ta' Dicembru 2001, il-konvenut mar il-garage ta' l-attur biex jikri awto-vettura ghall-bejgh tal-hobz ghaliex tieghu kienet ghat-tiswija peress illi kient garbet hsarat f'incident stradali.

Sar ftehim bil-miktub mehmuz mal-avviz tat-talba (Agreement No 1400 Dok A) ghall-kirja tal-vettura ta' l-attur ABG 229, bl-ghaxar liri kuljum, fil-bidu ghall-perijodu ta' bejn l-4 ta' Dicembru 2001 u l-31 ta' Dicembru 2001, u wara l-ftehim gie estiz sal-jum li fih il-konvenut regga l-vettura fil-garage ta' l-attur jigifieri fis-27 ta' Frar 2002.

Il-konvenut baqa' ma hallasx tal-kirja, ukoll wara li gie msejjah b'ittra ufficjali biex jaghmel dan, ghaliex kif qal lill-attur qieghed jippretendi illi l-attur jithallas minn ghand terza persuna.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok trid issir il-kjamata in kawza tas-socjeta Elmo Insurance Services Limited li bhala assikuratrici tal-konvenut iridu jhallsu u obbligaw ruhhom li jhallsu ghall-kirja tal-vettura in kwistjoni.

Illi fit-tieni lok l-ammont mitlub ta' Lm850 ghall-kiri tal-vettura in kwistjoni hu ammess izda qed jigi kontestat li jithallsu Lm30 tal-ittra u tal-konsult legali peress li dawn mhux dovuti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi s-somma ta' LM850 hija ammessa mill-konvenut fir-risposta tieghu prezentata fl-10 ta' Mejju 2002.

Li qed jigi kontestat hija s-somma ta' Lm30 rappresentanti spejjes legali.

Jinghad li din is-somma mhiex wahda stravaganti, ghalkemm kien ikun aktar opportun ghas-socjeta attrici li jhalli li dawn l-ispejjes jigu intaxxati formalment mir-Registratur tal-Qorti wara debita sentenza.  Dawn huma pero' dovuti billi gew necessitati minn nuqqas ta' pagament da parti tal-istess konvenut. F'dan is-sens it-Tribunal jordna li l-ammont dovut ghall-istess ghandu jigi ffissat mill-istess Registratur tat-Tribunal.

Ghaldaqstnat it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi, fuq ammissjoni tal-konvenut jilqa t-talbiet attrici ghas-somma ta' Lm850 bl-ispejjes u interessi skond il-ligi kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**